# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 750

KAZ NRU. 960

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Henry Cachia

u

Dragonara Resort Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 14 ta' Ottubru 1996

Chairman : Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra tal-10 t'Awissu, 1995, Riferenza Nru. ME 4/95/67, skond il-provvedimenti tal-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant, Henry Cachia, kien mghejjun mill-Onorevoli Dr Karmenu Mifsud Bonnici, LL.D. M.P., waqt li ghall-kumpanija deher is-sur Michael Seychell.

It-Tribunal zamm disa' seduti.

RIZULTANZI

Henry Cachia kien impjegat bhala Dishwasher/Silverman mad-Dragonara Hotel f'Awissu tal-1967. F'Lulju tal-1991, gie appuntat Security/Watchman. F'Lulju tal-1995 is-security personnel gew ordnati biex jaghmlu wkoll cleaning duties bil-lejl. Cachia rrifjuta li jaghmel cleaning duties. Il-kumpanija offrietlu li jibqa' fl-impjieg fil-post li kien jokkupa qabel, cioe' ta' Dishwasher/Silverman, imma Cachia ma accettax. L-impjieg tieghu gie terminat fit-31 ta' Lulju, 1995.

KONSIDERAZZJONIJIET

Irrizulta illi d-Dragonara Hotel waqfet topera bhala lukanda fl-1990 ghax kienet ghaddiet f'idejn sidien privati u kien qieghed isir xoghol ta' kostruzzjoni biex tigi mkabbra u modernizzata. Kien sar ftehim mal-General Workers' Union u l-U.H.M. li fost affarijiet ohra, l-management inghata d-dritt illi jaghmel redeployment tal-haddiema skond ma jkun mehtieg kemm billi l-haddiema jigu moghtija xoghol differenti ghal dak li kienu gew impjegati ghalih originarjament fil-lukanda, u anki billi jinstabilhom xoghol "on a loan basis" ma' lukandi u stabbilimenti ohra. Effettivament il-G.W.U. kellha u ghandha l-maggoranza tal-impjegati membri taghha, u ghalhekk tgawdi recognition mill-kumpanija. In-linja ma' dan il-ftehim, is-security personnel gew ordnati mill-management biex, oltre id-dmirijiet taghhom ta' Security jaghmlu tindif tal-pool area maghrufa bhala Reef Club.

Il-Union li ghandha majority recognition jigifieri il-G.W.U. ma sabet l-ebda oggezzjoni ghal dan. Pero' Cachia rrifjuta din l-ordni tal-kumpanija, u sostna illi kien qieghed jobdi direttiva tal-U.H.M. li huwa membru taghha.

Fi sforz biex jevita illi Cachia jitlef l-impjieg, il-kumpanija offrietlu biex jibqa' fl-impjieg fil-kariga li kien jokkupa originarjament, jigifieri ta' Silverman Dishwasher. Cachia irrifjuta u l-impjieg tieghu gie terminat fl-ahhar ta' Lulju, 1995.

Cachia sostna illi l-kumpanija ma kinitx gustifikata illi tordnalu jaghmel tindif.

Jibqa' l-fatt illi qabel ma harget din l-ordni, il-kumpanija kkonsultat il-G.W.U. li ma sabitx oggezzjoni ghaliha.

It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi meta jkun hemm Union li ghandharecognition mill-kumpanija ghaliex il-maggoranza tal-impjegati huma membri taghha, kwalunkwe ftehim milqugh mal-kumpanija ghandu jorbot lill-haddiema kollha, Union li ghandha minoranza tal-haddiema membri taghha ma ghandhiex locum standi. Barra minnhekk huwa relevanti illi l-U.H.M. kienet qablet mal-policy ta' flexibility li giet miftiehma fil-1990.

Fl-opinjoni tat-Tribunal, l-ordni tal-kumpanija lill-Security personnel biex jaghmlu tindif, li ghaliha l-Union tal-maggoranza ma sabitx oggezzjoni, kienet wahda legittima u regolari, u Cachia

zbalja meta obda l-parir tal-U.H.M. Anke din il-Union imissa ndunat illi se ggib il-membru taghha f'posizzjoni mhux tenibbli.

DECIZJONI

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jiddeciedi illi t-talba ta' Henry Cachia mhix gustifikata u li t-tkeccija tieghu kienet korretta u inevitabbli.

Ghal finijiet tad-drittijiet li jithallsu skond A.L. 48 tal-1985 it-Tribunal qieghed jiffissa l-hlas ta' erbghin lira maltin (Lm40) lil kull wiehed miz-zewg difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg